MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 14(2010), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Ħamis, is-16 ta' Diċembru 2010, fil-4.30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 13(2010) u dawn ġew approvati. Il-Kunsill osserva minuta silenzju b'tifkira tas-Sur Joseph Grech, ex-Viċi-Sindku tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, li kien miet fil-bidu ta' Diċembru 2010 u li l-funeral tiegħu kien sar fit-8 ta' Diċembru 2010.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Ma kien hemm xejn *arising* mill-Minuti.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Il-Kunsill approva t-talba tas-Sur Chris Bonello għal *No Objection* tal-Kunsill sabiex isir iffilmjar ta' reklam f'Xatt is-Sajjieda nhar is-Sibt, 18 ta' Diċembru 2010.

**4.3** F'isem is-Science Students' Society (S-Cubed) tal-Universita' ta' Malta u ta' Greenhouse Malta, is-Sur John Gabarretta kien talab il-permess tal-Kunsilli sabiex dawn il-gruppi jnaddfu ir-Riżerva tal-Magħluq. Filwaqt li l-Kunsill ma kellux oġġezzjoni għat-tindif, talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lis-Sur Gabarretta li din ir-riżerva għada f'idejn il-MEPA. Il-Kunsill xtaq ukoll li jkollu mappa tal-area li fiha kien bi ħsiebhom li jsir it-tindif.

## 5. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku

**5.1** Is-Sindku nforma 'l Kunsill li komplew għaddejjin il-laqgħat dwar l-organizzar tas-suq ta' nhar ta' Ħadd.

## 6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

**6.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Viċi-Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | Performing Rights Society (PRS) 2009 u 2010 | 36.00 |
| Carmel Mifsud | Tindif tax-Xatt wara s-suq ta' nhar ta' Ħadd, Sett/Ott 10 | 2647.45 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel u petrol għall-moħriet u għall-pompa (No 159) | 25.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-ġeneratur 17.11.10 (No 145) | 11.28 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-pompa 26.11.10 (No 151) | 13.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol għall-ġeneratur 09.12.10 (No 160) | 6.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-pompa 11.12.10 (No 161) | 12.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 14.12.10 (No 163) | 44.50 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Nov 10 (parti) | 905.23 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Nov 10 (parti) | 164.38 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Nov 10 | 606.18 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Nov 10 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Nov 10 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Nov 10 | 58.23 |
| I.V. Portelli & Sons | *Drip Irrigation* għal Ġnien il-Familja | 61.84 |
| GO | 21659555, Nov 10 | 22.99 |
| GO | 21652525, Nov 10 | 329.69 |
| GO | 21650937, Nov 10 | 61.67 |
| GO | 21652392, Kera Diċ 10 | 15.87 |
| G4S | *Cash-in-transit* Nov 10 | 30.44 |
| Image Systems | *Toner* għall-*photocopier* | 90.81 |
| Intercomp | Tiswija ta' *printer* | 52.26 |
| Neptune Pools | Klorin għall-vaska | 85.00 |
| SML | Tiswija ta' *intercom* | 28.00 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 28.11.10 | 55.44 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 28.11.10 | 23.76 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 05.12.10 | 87.12 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 05.12.10 | 55.44 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 12.12.10 | 55.44 |
| | **Total** | **€10595.11** |

**6.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

## 7. Affarjiet Oħra

**7.1** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob laqgħa mal-Ministru George Pullicino dwar funtana fil-Pjazza l-Madonna ta' Pompei.

**7.2** Is-Segretarju Eżekuttiv infoma 'l Membri li l-ikla tal-Milied se ssir nhar is-Sibt, 8 ta' Jannar 2011.

**8.** Il-laqgħa spiċċat fis-6.00 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**